MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 160/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

***... omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis* talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Mejju 2004 u matul dawn l-ahhar erba' xhur qabel din id-data gewwa San Gwann u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokaina  specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma’ kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fl-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi

preparazzjonjiet li jkollhom bhal bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi *omissis* hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sena u ghall-hlas ta' multa ta’ erba’ mitt liri Maltin (Lm400) pagabbli b'rati mensili ta' erbghin liri Maltin (Lm40) liema multa tinbidel fi prigunerija bir-rata ta’ jum prigunerija ghal kull hames liri Maltin (Lm5) jekk ma tithallasx fi zmien ghaxar xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' *omissis* ipprezentat fil-11 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tvarjaha billi thassar dik il-parti fejn ikkundannatu ghal sena prigunerija u multa ta’ Lm400 u minflok tinfliggi piena aktar idoneja ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant fil-qosor huma s-segwenti: (1) huwa ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu minghajr rizerva u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn taghmel il-konsiderazzjonijiet estensivi li ghamlet dwar x'jikkostitwixxi traffikar u li setghu influwenzawha meta waslet ghad-dispozittiv tad-decizjoni taghha; (2) l-ewwel Qorti kkunsidrat u skartat id-difiza tal-forza irrezistibbli jew koerzjoni meta din id-difiza qatt ma tqanqlet mill-appellant u kull ma ghamel kien li talab lill-Qorti biex meta tigi biex tikkwantifika l-piena tqis is-sitwazzjoni pjetuza u prekarja tieghu li kienet tinkludi sahanistra element ta' theddid u vjolenza morali; (3) l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet erroneji dwar in-numru ta' pakketti li jistghu jinhargu minn gramma kokaina u dan seta' wkoll influwenzaha negattivament f'dik li hi l-piena; (4) ma nghatatx attenzjoni sufficjenti mill-ewwel

Qorti ghall-ezercizzju ta' patteggjament li sar quddiemha bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza u l-intendiment li l-piena idoneja kellha tkun fil-minimu permess mil-ligi; (5) l-ewwel Qorti naqset milli taghti debita konsiderazzjoni ghal diversi fatturi u cirkostanzi li ngiebu a konjizzjoni taghha u li jiggustifikaw temperament fil-piena.

L-ewwel aggravju huwa ghal kollox fieragh. Il-fatt li tigi registrata ammissjoni ma tipprekludix lill-Qorti milli taghmel dawk il-konsiderazzjonijiet u taghti dawk il-motivazzjonijiet li jidhrilha huma necessarji biex turi x'ikun wassalha ghal dik il-piena li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tal-fehma li hija indikata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-appellant joggezzjona ghall-fatt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti fethet "parentesi estensiva dwar x'jikkostitwixxi r-reat ta' traffikar ta' droga u kif dan jinkludi anki min jaghmilha ta' *middleman* bejn zewg traffikanti minghajr ma effettivament jaghmel gwadann". M'hemm l-ebda dubju pero` li referenza ghall-agir ta' l-appellant bhala *middleman* jew *go-between* saret mid-difiza stess waqt it-trattazzjoni tal-kaz meta kienet qed issemmi l-fatturi li dik il-Qorti kellha tikkonsidra favur l-appellant (allura imputat). Dan jirrizulta mis-sentenza stess fejn fit-tieni paragrafu tat-tielet pagna taghha l-ewwel Qorti tirreferi ghall-punti msemmijin mid-difiza, fosthom: "L-imputat kien go-between …". Ma jistax l-appellant jippretendi li jkunu saru numru ta' sottomissjonijiet minn naha u minn ohra u, ghax ikun ammetta, il-Qorti tibqa' siekta ghal kollox fuq dawk is-sottomissjonijiet. Ghalhekk din il-Qorti tirribadixxi li l-ewwel aggravju huwa ghal kollox fieragh.

Dwar it-tieni aggravju, l-appellant jghid li in vista ta' l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu huwa kien ben konxju li ma setax jibbenefika mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 33 tal-Kap. 9, jew kwalunkwe difiza generali ohra peress illi dak l-artikolu jezenta mir-responsabbilta` kriminali u ghalhekk kien ikun kontro-sens ghalih li l-ewwel jammetti mbaghad jissolleva tali difiza. Kien ikun mod iehor li kieku ddecieda li jikkontesta. Dak li huwa ssottometta, isostni l-appellant, kien li sabiex l-ewwel Qorti tkun tista' tikkwantifika l-piena, kellha tqis is-sitwazzjoni pjetuza u prekarja tieghu, u li

kienet tinkludi element ta' theddid u vjolenza morali, izda minghajr ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tieghu ghas-sanzjoni tal-ligi penali. L-appellant jghid li semma' dawn ic-cirkostanzi biss bhala fatturi biex jiggustifikaw mitigazzjoni fil-piena.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti tghid hekk: "Id-difiza qanqlet il-punt li l-imputat kien taht pressjoni u ssottomettiet li din il-Qorti ghandha tezamina d-difiza tal-Koerzjoni skond l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9. Id-difiza rreferiet ukoll ghall-kaz li kien deciz minn din il-Qorti kif preseduta dwar dan il-punt." Dan huwa djametrikament oppost ghal dak li qieghed jghid l-appellant dwar dak li kien issottometta ghall-kunsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti. Huwa veru illi hemm kontro-sens bejn ammissjoni u d-difiza taht l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9. Izda anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi accettat dak li qieghed isostni l-appellant, huwa car li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi li kellha quddiemha u konsistenti unikament fl-istqarrija ta' l-appellant, u waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant ma kienx taht pressjoni kif kien effettivament gie sottomess mid-difiza. Jigifieri *dato non concesso* li dan il-fattur ma kienx gie sollevat *per via di difesa*, l-ewwel Qorti setghet waslet ghall-konkluzjoni taghha minghajr ma ghamlet l-ebda konsiderazzjoni dwar id-difiza taht l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9. U minn ezami li ghamlet din il-Qorti ta' l-istess stqarrija, ma ssibx li hemm raguni valida biex tiddisturba tali apprezzament.

Ghalhekk it-tieni aggravju huwa respint ukoll.

Dwar it-tielet aggravju, anke kieku l-ewwel Qorti ma ghamlitx konsiderazzjoni dwar in-numru ta' qratas li jistghu johorgu minn gramma kokaina, jibqa' l-fatt li fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li gab id-droga ghall-mandanti tieghu "kemm-il darba" u li "dejjem xtrajtlu bejn ghaxra u hamsa u ghoxrin gramma cocaine". Jirreferi wkoll ghad-droga li kien jixtri minghand l-istess mandanti tieghu u jghid li kien tella' kont ta' elf lira - ammont mhux irizorju wkoll. Difatti meta l-ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena hija qalet li, "mill-parti negattiva" kienet qed tqis:

"(a) li l-imputat irrepeta t-traffikar u dan igib l-effett ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9;
(b) li, skond l-istqarrija, l-ammont kien konsiderevoli;
(c) li kienet involuta l-kokaina - droga perikoluza li dahlet aktar fis-suq minhabba li l-prezz taghha waqa' u li twassal ghall-mewt."

Dawn il-konsiderazzjonijiet huma kollha korretti u, fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk ma tohrogx tnax-il qartas kif qalet l-ewwel Qorti, jibqa' l-fatt li l-ammont ta' droga involuta kien konsiderevoli. B'hekk anke dan l-aggravju huwa respint.

Dwar ir-raba' aggravju gie prodott l-Ispettur Nezren Grixti li kkonferma li kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza li f'kaz ta' ammissjoni ghandha tinghata sentenza fil-minimu u li "kienu avvicinaw il-bank dwar dak il-qbil". Il-kuncett ta' patteggjament gie trattat minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Spagnol** deciz fis-6 ta' Jannar 2005[1], u dak li ntqal f'dik il-kawza sejjer jigi citat *in extenso*:

**"Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b'mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, iddahhal ghal-ewwel darba b'forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsim I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV: "Fuq il-Qorti Kriminali". Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b'effett minn Ottubru 2003, sar possibbli li, qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom. Jekk il-Qorti Kriminali**

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jason Spagnol**, 6 ta' Jannar 2005.

**tkun soddisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha ndikata mill-partijiet. Imbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qieghda tinghata tkun qieghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.**

**Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-disposizzjoni gdida, il-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza u li kull diskussjoni dwar it-talba ssir *'in open court'* biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t'abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura miftehma, li ukoll *'in open court'* tiddikjara li, f'dak l-istadju, il-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.**

**L-artikolu 392A (5) gdid imbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero` f'dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti u n-nota li ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.**

**Illi fl-assenza ta' disposizzjoni *'ad hoc'* li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta' Gudikatura Kriminali, ma jidhirx li dan l-istitut japplika ghalihom ukoll. Ghalhekk,**

**ghalkemm mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati l-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe` jew bil-fomm waqt l-udjenza *'in open court'* jew permezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament ipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.**

**Isegwi mill-fatt li l-fehma tal-partijiet dwar il-piena ghandha tingieb jew fl-udjenza *'in open court'* jew permezz ta' att gudizzjarju konguntiv, li l-gudikant ma ghandu qatt jiddiskuti mad-difensur ta' parti jew ohra, jew mad-difensuri taz-zewg partijiet, kameralment il-piena li tkun qed tintalab jew li dwarha l-partijiet ikunu qed jippatteggjaw jew jippruvaw jippatteggjaw. Fis-sistema taghna, kemm qabel ma l-patteggjament gie istituzzjonalizzat kif aktar 'il fuq inghad, kif ukoll illum, il-gudikant ma jiehu ebda parti f'tali patteggjament hlief li, fit-termini tal-artikolu 453A imsemmi, jiddikjara fil-Qorti bil-miftuh jekk jaqbilx mas-sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni taghhom li jkunu qed jigu proposti mill-partijiet. U b'mod partikolari fejn ma japplikax formalment l-artikolu 453A - jigifieri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali - jekk isiru xi sottomissjonijiet minn parti jew ohra (dejjem fil-Qorti bil-miftuh) dwar il-piena minhabba possibilita` ta' ammissjoni, il-gudikant ma ghandu qatt jindika x'sentenza jkollu f'mohhu li jaghti f'kaz li jkun hemm ammissjoni, salv ghal eccezzjoni wahda, u cioe` li gudikant jista' jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni u sia jekk le, is-sentenza fi kwalunkwe kaz ser tiehu <u>forma</u> partikolari (per ez. piena karcerarja, jew *probation* jew *conditional discharge*). Din ir-regola, bl-eccezzjoni ghaliha, giet l-ewwel darba formulata minn Lord Chief Justice Parker fil-kaz *R. v. Turner* (1970) 54 Cr. App. R. 352, u llum giet konsolidata fl-ewwel parti tal-paragrafu 45.4 tal-*Practice Direction (Criminal Proceedings: Consolidation) [2002] 1 WLR 2870* li tghid hekk: *'The***

***judge should, subject to one exception, never indicate the sentence which he is minded to impose. The exception is that it is permissible for a judge to say, if it be the case, that, whatever happens, whether the accused pleads guilty or not guilty, the sentence will or will not take a particular form …."*** **Fejn din ir-regola ta' bwon sens ma gietx osservata, inqalghu problemi. Hekk, per ezempju, fil-kaz *R. v. Atkinson* (1977) 67 Cr. App. R. 200 Lord Scarman qal hekk:**

***'It is to be observed, greatly to his credit, that everything the judge did in the present case he did in open court in full view of the public. But unfortunately what he did could very well give the impression to this appellant, as well as to other defendants, that there was a bargain: if you plead guilty one result; if you plead not guilty another. Some, including the accused, might well think pressure was being exerted on him to plead guilty. It is that which is so damaging to the face of justice ….'*** **(ara *Stockdale and Devlin on Sentencing*, Waterlow Publishers (London) 1987, pp. 45 - 46).**

**Kull partenza minn dawn il-linji gwida trasparenti fuq indikati jista' johloq komplikazzjonijiet gahd-debita amministrazzjoni tal-gustizzja u jirriskja li johloq dubji, konflitti, suspetti t'abbuzi jew addirittura abbuzi. Ghalhekk zgur li mhu xejn rakkommandabbli li jsiru inkontri *'in camera'* bejn xi parti jew iz-zewg partijiet u l-gudikant bil-ghan li jsiru patteggjamenti dwar il-piena.**

**Altrimenti, peress li ma jkun hemm ebda *'record'* preciz ta' dak li jkun intqal jew ma ntqalx, dak li jkun gie miftiehem jew sottintiz jew forsi fra-intiz, tinholoq problema biex wiehed jistabilixxi ezatt x'ikun intqal, gie miftiehem jew mahsub li gie miftiehem. U peress li *'quod non est in actis non est in mundo'*, Qorti ta' Revizjoni rinfaccata b'kwistjoni dwar xi intendiment o meno li seta' ntlahaq jew ma ntlahaqx tkun priva mill-fatti certi li fuqhom tista' tigi msejha biex tiddeciedi.**

**Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, kull trattattiva dwar il-piena quddiem il-Qrati l-ohra ta' gurisdizzjoni kriminali li mhumiex il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, trid issir jew *in open court* u/jew permezz ta' atti gudizzjarji registrati u meta ma jsirx dan ebda parti ma ghandha mbaghad tilmenta minn xi sorpriza jew addirittura minn xi ngustizzja quddiem Qorti ta' Revizjoni."**

Din il-Qorti kif presjeduta taqbel perfettament ma' dan kollu u japplika wkoll anke fejn il-partijiet, ossia id-difensur u l-prosekutur, minflok inkontru *in camera* mal-Magistrat sedenti, javvicinaw il-bank waqt is-smiegh tal-kawza. Dak l-avvicinar tal-bank jekwivali ghal inkontru privat bejn tliet persuni peress illi dak li jkunu qeghdin jghidu ma jkunx qieghed jinghad b'mod illi kull min ikun fl-Awla, u partikolarment l-imputat, ikun jista' jisma' x'qieghed jinghad.

Konsegwentement ir-raba' aggravju huwa michud ukoll.

Permezz tal-hames aggravju l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma tatx debita konsiderazzjoni ghal dawn il-fatturi: (1) il-fedina penali relattivament nadifa ta' l-appellant; (2) il-fatt li f'kaz bhal dak odjern fejn l-appellant huwa l-vittma l-iskop principali tal-piena ghandu jkun dak tar-riforma aktar milli dak ta' deterrent jew retribuzzjoni; (3) il-fatt li l-ammissjoni bikrija ta' l-appellant hija prova cara li huwa gharaf l-izbalji tieghu u kien lest jaccetta l-haqq li kien imissu; (4) il-fatt li l-kooperazzjoni tieghu waslet sabiex tressqet persuna ohra l-Qorti li l-kaz taghha jinsab diga` deciz u ghandhom jitressqu nies ohra in konnessjoni ma' l-istess.

Issa kif gie ritenut ripetutament, il-principju regolatur hu li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mill-parametri stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt[2].

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta'**

Fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti, apparti li kkunsidrat il-fatturi li jimmilitaw kontra l-appellant, gia` citati, ikkunsidrat ukoll dawk favur l-appellant, u cioe`:

"(a) l-ammissjoni tassew bikrija ta' l-imputat li timmerita tnaqqis;
(b) il-fatt li din l-istqarrija li l-imputat ghamel lill-Pulizija kienet guramentata u tista' tiswa ta' prova fi proceduri ohrajn; u
(c) l-ghajnuna li ta lill-Pulizija u li ghalhekk l-imputat ghandu jgawdi billi l-piena tonqos b'zewg gradi f'dik li hi prigunerija u b'terz jew bin-nofs f'dik li hi piena pekunjarja."

Minn dan jidher car li l-ewwel Qorti kkunsidrat l-aktar fatturi importanti li minhabba fihom l-appellant kien jimmerita tnaqqis sostanzjali fil-piena. Kwantu ghall-fedina penali ta' l-appellant jirrizulta li huwa nstab hati f'zewg okkazjonijiet talli ha sehem f'loghob ta' l-azzard jew kien sieheb ma' laghba ohra jew kien prezenti waqt tali loghob (24 ta' Mejju 1991 u 13 ta' Jannar 1994), ta' ksur ta' regolamenti tat-traffiku (6 ta' Dicembru 1993), u talli kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor u ta' ksur ta' xi regolamenti kif provdut fil-Kap. 10 (11 ta' Dicembru 1997). B'hekk jirrizulta li minn Dicembru 1997 l-appellant ma kellux kundanni ohra. Mill-banda l-ohra r-reat ta' traffikar huwa reat serju hafna u l-piena ta' prigunerija hija wahda tassattiva. Id-diskrezzjoni hija wiesa' - minn minimu ta' sitt xhur sa massimu ta' ghaxar snin - u fil-kaz in ezami huwa applikabbli l-artikolu 18 tal-Kap. 9, cioe` li d-diversi atti kommessi mill-appellant jitqiesu bhala reat kontinwat fejn il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi. F'dawn ic-cirkostanzi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti tista' titqies bhala wahda miti u fl-istess hin gusta in vista tad-diversi fatturi rizultanti favur l-appellant.

Konsegwentement anke l-hames aggravju huwa michud.

---

**Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa ghandu jibda jiddekorri millum. Inoltre tikkonferma d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-appellant minn kull mezz tax-xandir, kemm dak stampat, televiziv, b'mezzi elettronici kif ukoll b'xorta'ohra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------